TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 205/12-F

**Emmanuel Grech**

**vs**

**Jesmond Pulis għan-nom ta' XTC Towing Service Ltd.**

Illum 26 ta' Frar, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Awwissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u ħames ewro (€105), rappreżentanti prezz ta' batterija tal-karozza illi meta ġie l-intimat sabiex jipprova jistartja l-karozza, dan iktar beda jdgħajjifha.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, minkejja li m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi kienet waqfitlu l-vettura tiegħu u ċempel lis-soċjeta' ntimata sabiex jipprova jara x'għandha, u meta mar ta' l-XTC Towing beda jiċċarġja l-batterija, pero' din imbagħad iddgħajfet għall-aħħar u ma baqgħetx taħdem. Ir-rikorrenti xtara batterija ġdida u ġie nfurmat li din kienet maltrattata u b'hekk ġralha li ġralha.

Is-soċjeta' ntimata minkejja li m'attendietx għas-seduta, ssottomettiet bil-miktub illi kull batterija għandha ħajja u għalhekk ma jistax wieħed jippretendi li tibqa' taħdem u anke wara li sar l-użu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi din il-batterija kienet ilha sentejn u li kienet inxtrat mill-Ingilterra u li allura kien sar użu minnha.

It-Tribunal jinnota wkoll illi s-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma deħritx għas-seduta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' ħamsin ewro (€50), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888